Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SHARPSTON
ippreżentati fis-17 ta’ Novembru 2011[1]

**Kawża C-500/10**

**Ufficio IVA di Piacenza**
**vs**
**Belvedere Costruzioni Srl**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Commissione Tributaria Centrale, Sezione di Bologna (l-Italja)]

“Obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw il-ġbir effettiv tal-VAT — Artikoli 2 u 22 tas-Sitt Direttiva — Għeluq tal-proċeduri ġudizzjarji mingħajr teħid ta’ deċiżjoni fit-tielet istanza”

1. Sabiex tnaqqas ammont kunsiderevoli ta’ xogħol b’lura fil-qrati fiskali, ir-Repubblika Taljana ppromulgat leġiżlazzjoni li tistipula li f’każ li l-awtorità tat-taxxa tkun tilfet kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fl-ewwel appell, u f’każ li l-kawża tkun ilha pendenti għal perijodu globali ta’ iktar minn 10 snin, il-proċeduri ta’ appell fl-aħħar istanza ppreżentati mill-awtorità tat-taxxa għandhom jingħalqu mingħajr ma tittieħed deċiżjoni fuq il-mertu.

2. Il-Commissione Tributaria Centrale, Sezione di Bologna (Qorti Fiskali Ċentrali, Sezzjoni ta’ Bologna), li quddiemha jinsabu pendenti dawn il-proċeduri, tixtieq tkun taf, f’każ li l-kawża tkun tikkonċerna t-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar ’il quddiem il-“VAT”) jekk tali dispożizzjoni hijiex kompatibbli mal-obbligu tal-Istat Membru li jiżgura li t-taxxa hija effettivament miġbura.

## Id-dritt tal-UE

3. Skont l-Artikolu 4(3) TUE (li qabel kien l-Artikolu 10 KE), l-Istati Membri għandhom jiżguraw it-twettiq tal-obbligi li jirriżultaw mit-Trattati jew mill-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, jgħinu lill-Unjoni twettaq il-kompiti tagħha u joqogħdu lura minn kwalunkwe miżura li tista’ tipperikola l-kisba tal-objettivi tal-Unjoni. Il-leġiżlazzjoni dwar il-VAT tipprevedi, barra minn hekk, obbligi speċifiċi.

4. Mill-1 ta’ Jannar 2007, id-dispożizzjonijiet ewlenin dwar il-VAT jinsabu fid-Direttiva 2006/112[2]. Fiż-żmien tal-fatti tal-kawża prinċipali, dawn id-dispożizzjonijiet kienu jinsabu fis-Sitt Direttiva[3]. Il-qorti nazzjonali tirreferi speċifikament għall-Artikoli 2 u 22 ta’ din tal-aħħar.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta’ Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1).

3 — Is-sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta’ Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta’ stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23).

5. L-Artikolu 2 jistipula:

“Dawn li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għat-taxxa fuq il-valur miżjud:

1. il-provvista ta’ oġġetti u servizzi magħmula bi ħlas fit-territorju tal-pajjiż minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali;

2. l-importazzjoni ta’ oġġetti.”[4]

6. L-Artikolu 22 tas-Sitt Direttiva kien intitolat “Obbligazzjonijiet taħt is-sistema interna”. Il-qorti nazzjonali tiċċita minn tliet paragrafi:

“4. Kull persuna taxxabbli għandha tissottometti prospett [dikjarazzjoni] f’intervall li għandu jkun stabbilit minn kull Stat Membru. [...]

5. Kull persuna taxxabbli għandha tħallas l-ammont net tat-taxxa fuq il-valur miżjud meta jissottometti l-prospett. [...]

[...]

8. [...] l-Istati Membri jistgħu jimponu obbligazzjonijiet oħrajn li huma jqisu neċessarji għall-impożizzjoni ġusta u l-ġbir tat-taxxa u għall-prevenzjoni ta’ frodi.”[5]

7. Il-qorti nazzjonali tiċċita wkoll il-punti 37 sa 39 tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta’ Lulju 2008, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-132/06)[6]:

“37 Jirriżulta mill-Artikoli 2 u 22 tas-Sitt Direttiva, kif ukoll mill-Artikolu 10 KE, li kull Stat Membru għandu l-obbligu li jadotta l-liġijiet u l-miżuri amministrattivi neċessarji sabiex jiġi żgurat il-ġbir tal-VAT kollu dovut fit-territorju tiegħu. F’dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jivverifikaw id-dikjarazzjonijiet, il-kontijiet tagħhom u dokumenti rilevanti oħra u għandhom jikkalkolaw u jiġbru t-taxxa dovuta.

38 Fil-kuntest tas-sistema komuni ta’ VAT, l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu l-osservanza tal-obbligi li għalihom huma suġġetti l-persuni taxxabbli filwaqt li jibbenefikaw, f’dan ir-rigward, minn ċertu flessibbiltà fir-rigward, b’mod partikolari, ta’ kif għandhom jagħmlu użu mill-mezzi għad-dispożizzjoni tagħhom.

39 Din il-flessibbiltà hija madankollu limitata mill-obbligu li jiġi żgurat il-ġbir effettiv tar-riżorsi tal-Komunità u f’dan is-sens li ma jinħolqux differenzi sinjifikattivi fil-mod ta’ kif jiġu ttrattati l-persuni taxxabbli, kemm fi ħdan wieħed mill-Istati Membri partikolari kif ukoll fl-Istati Membri kollha. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li s-Sitt Direttiva għandha tiġi interpretata skont il-prinċipju ta’ newtralità fiskali inerenti għas-sistema komuni tal-VAT, li jgħid li operaturi ekonomiċi li jwettqu l-istess tranżazzjonijiet ma għandhomx jiġu ttrattati b’mod differenti matul il-ġbir tal-VAT (sentenza tas-16 ta’ Settembru 2004, Cimber Air, C-382/02, Ġabra p. I-8379, punt 24). Kull azzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-ġbir tal-VAT għandha tosserva dan il-prinċipju.”

4 — Ara dak li issa sar l-Artikolu 2(1)(a) u (d) tad-Direttiva 2006/112.

5 — Mill-1 ta’ Jannar 1993, it-test tal-Artikolu 22 ġie ssostitwit bl-Artikolu 28h (Direttiva tal-Kunsill 91/680/KEE, tas-16 ta’ Diċembru 1991, li tissuplimenta s-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud u temeda d-Direttiva 77/388/KEE bil-ħsieb li tneħħi l-fruntieri fiskali, ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 160), mingħajr bidla sostanzjali fid-dispożizzjonijiet iċċitati. Ara dawk li issa saru l-Artikoli 252(1), 206 u 273 tad-Direttiva 2006/112.

6 — Ġabra p. I-5457.

8. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li amnestija fiskali Taljana (Artikoli 8 u 9 tal-Liġi Nru 289/2002) li ssostitwixxiet, ftit taż-żmien wara l-iskadenza tat-termini mogħtija għall-ħlas tal-ammonti tal-VAT normalment pagabbli, l-obbligi taħt l-Artikoli 2 u 22 tas-Sitt Direttiva b'obbligi oħra li ma kinux jirrikjedu l-ħlas ta' dawn l-ammonti, irrendiet dawn l-artikoli bla effett. L-effett tal-liġi kien ekwivalenti għal eżenzjoni fiskali, li tfixkel serjament il-funzjonament korrett tas-sistema komuni tal-VAT, tikkawża distorsjoni tal-prinċipju ta' newtralità fiskali billi tintroduċi varjazzjonijiet sinjifikattivi fit-trattament ta' persuni taxxabbli fl-Italja u tikser l-obbligu li jiġi żgurat li l-VAT tinġabar b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha [7].

9. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, billi pprevediet rinunzja ġenerali u mingħajr distinzjoni għall-verifika tat-tranżazzjonijiet taxxabbli mwettqa matul serje ta' snin ta' tassazzjoni, l-Italja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 2 u 22 tas-Sitt Direttiva, u taħt l-Artikolu 10 KE.

## Id-dritt Taljan

10. Sal-1 ta' April 1996, il-kawżi fiskali fl-Italja kienu jinstemgħu mill-qrati fiskali tal-ewwel u tat-tieni istanza fil-livell lokali u provinċjali, b'appell finali quddiem il-Commissione Tributaria Centrale f'Ruma. Mill-1 ta' April 1996 [8], dik is-sistema ġiet issostitwita bi qrati fiskali reġjonali u provinċjali, b'appell quddiem il-Corte di Cassazione (Qorti tal-Kassazzjoni). Bħala prinċipju, il-Commissione Tributaria Centrale ġiet abolita. Għalkemm ma seta' jiġi ppreżentat ebda appell ġdid quddiemha, hija baqgħet tiltaqa' f'taqsimiet reġjonali jew provinċjali sakemm jiġu ttrattati l-proċeduri kollha pendenti quddiemha sa ċerta data. Dik id-data għadha ma waslitx [9].

11. Id-dispożizzjoni li tikkonċerna lill-qorti tar-rinviju [10] daħlet fis-seħħ fis-26 ta' Mejju 2010. Din hija fformulata kif ġej:

"Sabiex jiġi żgurat li l-proċeduri ġudizzjarji f'kawżi fiskali jinżammu fi żmien raġonevoli, kif titlob il-[Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, (iktar 'il quddiem il-"KEDB")], il-kawżi fiskali pendenti li jirriżultaw minn rikorsi ppreżentati fl-ewwel istanza iktar minn 10 snin qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-liġi li kkonvertiet id-digriet attwali f'liġi, u li fir-rigward tagħhom l-Awtorità tat-Taxxa Statali tkun tilfet fl-ewwel u fit-tieni istanza, għandhom jiġu magħluqa, abbażi tan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżit ta' "żmien raġonevoli" stipulat fl-Artikolu 6(1) ta' din il-konvenzjoni, f'konformità mar-regoli li ġejjin:

(a) il-kawżi fiskali pendenti quddiem il-Commissione Tributaria Centrale, għajr dawk li jikkonċernaw talbiet għal rimbors, għandhom jiġu magħluqa awtomatikament fuq ordni tal-president ta' dik il-qorti jew ta' membru ieħor magħżul għal dak l-għan [...];

(b) il-kawżi fiskali pendenti quddiem il-Corte di Cassazione jistgħu jiġu estinti permezz ta' ħlas ta' ammont ekwivalenti għal 5 % tal-valur tat-talba [...] filwaqt li fl-istess ħin tiġi rrinunzjata kwalunkwe talba għal kumpens ġust fis-sens tal-Liġi Nru 89 tal-24 ta' Marzu 2001 [[11]]. Il-kontribwent jista' jressaq talba għal dan l-għan lis-segretarjat jew lir-reġistru rilevanti fi żmien 90 jum mid-dħul fis-seħħ tal-liġi li tikkonverti d-digriet attwali f'liġi, flimkien ma' prova tal-ħlas

7 — Sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, punti 43 u 44.

8 — Digriet Leġiżlattiv Nru 545/1992.

9 — Jidher li f'Ottubru 2010 kien għad hemm kważi 211 000 appell pendenti, iżda wieħed jittama li l-proċeduri kollha jitressqu quddiem il-Commissione Tributaria Centrale sa tmiem il-31 ta' Diċembru 2012, u b'hekk dan il-korp ikun jista' jiġi xolt b'mod definittiv.

10 — L-Artikolu 3(2a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 40/2010, li ġie kkonvertit f'liġi permezz tal-Liġi Nru 73/2010, li introduċiet l-Artikolu 3(2a). L-Artikolu 3 huwa intitolat "Tnaqqis tal-proċeduri kontenzjużi u razzjonalizzazzjoni tal-ġbir". Se nirreferi għall-Artikolu 3(2a), l-ewwel sentenza u s-subparagrafu (a), bħala "id-dispożizzjoni kontenzjuża".

11 — Il-liġi msejħa "Pinto", li tippermetti li jintalab kumpens għat-tul eċċessiv ta' proċeduri ġudizzjarji, adottata wara sensiela ta' sentenzi kritiċi ħafna mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

rilevanti. Il-proċeduri msemmija f'dan il-paragrafu għandhom jiġu sospiżi sakemm jiskadi l-limitu ta' żmien stabbilit fit-tieni sentenza ta' dan il-paragrafu, u għandhom jiġu magħluqa b'deċiżjoni dwar l-ispejjeż proċedurali kollha. Fl-ebda każ ma għandu jkun hemm rimbors. […]"

## Il-fatti, il-proċedura u d-domanda preliminari

12. Fid-dikjarazzjoni tal-VAT tagħha tal-1980, Belvedere Costruzioni Srl (iktar 'il quddiem "Belvedere") talbet kreditu ta' ITL 24 288 000. Hija ppreżentat id-dikjarazzjoni tagħha tal-1981 tard, jiġifieri fit-8 ta' April 1982. Fid-dikjarazzjoni tagħha tal-1982, hija naqqset ITL 22 264 000 [12], u indikat dik is-somma bħala kreditu tal-VAT mid-dikjarazzjoni tal-1981.

13. F'Awwissu 1985, l-awtorità tat-taxxa għamlet stima mill-ġdid fir-rigward ta' Belvedere għall-1982, fuq il-bażi li l-kumpannija kienet ippreżentat id-dikjarazzjoni tagħha tal-1981 wara l-iskadenza u għaldaqstant il-kreditu ta' ITL 22 264 000 ma setax jitnaqqas.

14. Quddiem il-qorti fiskali tal-ewwel istanza, Belvedere argumentat li dan il-kreditu fiskali ma kienx jirriżulta mis-sena ta' tassazzjoni 1981, iżda mill-kreditu muri fid-dikjarazzjoni tagħha tal-1980. Hija sostniet li meta titħallas VAT żejda f'sena partikolari, id-dritt li titnaqqas fis-snin sussegwenti jiġi estint biss meta wieħed ikun naqas kemm milli jikkalkula l-obbligu tal-ħlas tal-VAT tiegħu matul il-perijodu rilevanti kif ukoll milli jippreżenta rendikont mad-dikjarazzjoni annwali. Ladarba Belvedere ma naqsitx milli tagħmel dan, fid-dikjarazzjoni tagħha tal-1982, hija kienet għadha biċ-ċans li tnaqqas il-kreditu li kien jidher fid-dikjarazzjoni tal-1980.

15. L-awtorità tat-taxxa sostniet li d-dikjarazzjoni tal-1981 ma kinitx valida minħabba li ġiet ippreżentata wara l-iskadenza. Għaldaqstant, f'dik is-sena l-kumpannija la ressqet talba għal rimbors u lanqas ma esprimiet l-intenzjoni tagħha li tnaqqas kreditu fl-1982. Għaldaqstant, it-tnaqqis ta' kreditu fid-dikjarazzjoni tal-1982, liema kreditu ma kienx intwera f'dikjarazzjoni valida għall-1981, kien illegali.

16. F'Ottubru 1986, il-qorti fiskali tal-ewwel istanza qatgħet sentenza favur Belvedere. F'Mejju 1990, il-qorti tat-tieni istanza ċaħdet l-appell tal-awtorità tat-taxxa. F'Lulju 1990, dik l-awtorità ppreżentat appell ieħor quddiem il-qorti tar-rinviju. Fl-2008, hija tenniet l-interess tagħha li ma twaqqax l-appell. L-argumenti taż-żewġ partijiet huma essenzjalment identiċi għal dawk li huma invokaw quddiem il-qrati inferjuri.

17. F'Settembru 2010, il-Commissione Tributaria Centrale rrinvijat domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja. Skont id-dispożizzjoni kontenzjuża, hija għandha tagħlaq il-proċeduri awtomatikament b'deċiżjoni li tikseb l-awtorità ta' *res judicata* u li permezz tagħha jiġi estint b'mod definittiv il-kreditu fiskali mitlub mill-awtorità tat-taxxa fi tliet istanzi ġudizzjarji. Fid-dawl tas-sentenza fil-Kawża C-132/06, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk dan huwiex permess mid-dritt tal-UE. Hija għalhekk qiegħda titlob deċiżjoni preliminari dwar din id-domanda:

"L-Artikolu 10 tat-Trattat KE, li issa sar l-Artikolu 4 TUE, u l-Artikoli 2 u 22 [tas-Sitt Direttiva], jipprekludu regola tal-Istat Taljan, li tinsab fl-Artikolu 3(2a) tad-Digriet-Liġi Nru 40, tal-25 ta' Marzu 2010, ikkonvertit fil-Liġi Nru 73, tat-22 ta' Mejju 2010, li tipprojbixxi l-qorti kompetenti fil-qasam fiskali milli tiddeċiedi dwar l-eżistenza ta' dejn fiskali li l-ħlas tiegħu ntalab fit-terminu previst mill-awtorità tat-taxxa permezz ta' appell minn deċiżjoni sfavorevoli, u li għaldaqstant tipprovdi, essenzjalment, għar-rinunzja totali tal-kreditu ta' VAT inkwistjoni meta l-ineżistenza ta' dan tal-aħħar tkun ġiet ikkonstatata f'żewġ istanzi ġudizzjarji, mingħajr ebda ħlas, lanqas parzjali, tal-kreditu inkwistjoni mill-persuna taxxabbli li tibbenefika minn din ir-rinunzja?"

18. Il-Gvern Taljan u l-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub u orali.

12 — Ekwivalenti għal madwar EUR 11 500.

## Kwistjonijiet preliminari

### *Il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE*

19. Il-kawża prinċipali tikkonċerna s-snin tal-VAT mill-1980 sal-1982. Minħabba li mill-1996 'il hawn ma ġie ppreżentat ebda appell ġdid quddiem il-Commissione Tributaria Centrale, il-kawżi kollha affettwati mid-dispożizzjoni kontenzjuża jikkonċernaw snin qabel dik id-data. Għaldaqstant, naqbel mal-Kummissjoni li kwalunkwe obbligu impost fuq l-Istati Membri bil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-VAT jirriżulta mis-Sitt Direttiva u mhux mid-Direttiva 2006/112, li ilha tapplika biss mill-1 ta' Jannar 2007.

20. Fir-rigward tad-dispożizzjoni rilevanti tat-Trattat — l-Artikolu 10 KE jew l-Artikolu 4(3) TUE — jista' jkun li l-pożizzjoni hija inqas evidenti, minħabba li d-dispożizzjoni kontenzjuża ġiet ippromulgata f'Mejju 2010, wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Madankollu, peress li ż-żewġ artikoli jistipulaw essenzjalment l-istess obbligi pożittivi u negattivi, id-distinzjoni bejniethom hija waħda purament formali.

### *Il-leġiżlazzjoni Taljana rilevanti*

21. L-Artikolu 3(2a)(a) u (b) tad-Digriet-Liġi kkonvertit jistabbilixxi kundizzjonijiet kunsiderevolment differenti li jirregolaw l-għeluq tal-proċeduri, skont jekk dawn ikunux pendenti quddiem il-Commissione Tributaria Centrale jew inkella quddiem il-Corte di Cassazione. *Inter alia*, fl-ewwel każ imsemmi, il-proċeduri jingħalqu awtomatikament mingħajr ebda ħlas ta' taxxa, filwaqt li fit-tieni każ imsemmi, dawn *jistgħu* jingħalqu jekk tiġi mressqa talba fi żmien 90 jum, u għandhom jitħallsu 5 % tal-ammont ikkontestat mill-persuna taxxabbli [13].

22. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tikkonċerna biss is-subparagrafu (a). Il-kwistjoni tal-permissibbiltà tar-regoli taħt (b) ma hijiex imqajma hawnhekk. Dan l-aspett tqajjem f'talba oħra għal deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja [14] li, madankollu, ma tikkonċernax il-VAT, li hija taxxa suġġetta għall-armonizzazzjoni tal-UE, iżda tikkonċerna taxxa diretta mhux armonizzata fuq id-dividendi, apparentement applikata għal kumpannija stabbilita barra mill-UE.

23. Filwaqt li s-subparagrafu (b) jista' jipprovdi, f'ċerti aspetti, paragun istruttiv mas-subparagrafu (a), jiena naħseb li huwa importanti li ma nħalltuhomx. B'mod partikolari, fil-kuntest ta' din il-kawża, jiena ma nibbażax ruħi, kif tagħmel il-Kummissjoni, fuq il-mod li bih il-Corte di Cassazione ddeskriviet jew interpretat is-subparagrafu (b) fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha fil-kawża l-oħra.

### *L-aspetti rilevanti tal-kawża prinċipali*

24. Il-kwistjoni tal-kawża prinċipali tikkonċerna d-dritt ta' persuna taxxabbli li tittrasferixxi kreditu tal-VAT għat-tieni sena sussegwentement għal dik li fiha allegatament ikun irriżulta dan il-kreditu, meta d-dikjarazzjoni tat-taxxa għas-sena intermedjarja ma tkunx ġiet ippreżentata fil-ħin. Il-kwistjoni legali tidher li tinvolvi l-importanza relattiva li għandha tingħata lil kull waħda miż-żewġ dispożizzjonijiet proċedurali tal-leġiżlazzjoni tal-VAT Taljana, li possibbilment huma parzjalment konfliġġenti.

13 — Ara l-punt 11 iktar 'il fuq.

14 — Kawża 3M Italia (C-417/10), li fiha seduta nżammet immedjatament qabel dik f'din il-kawża.

25. Madankollu, il-mertu ta' dik il-kwistjoni ma huwiex rilevanti għad-domanda rrinvijata, u ma huwiex rilevanti li jiġi eżaminat min għandu jirbaħ (jew rebaħ) il-kawża, jekk hux Belvedere jew inkella l-awtorità tat-taxxa.

26. Il-kwistjoni rilevanti hawnhekk hija li l-proċeduri nbdew fl-ewwel istanza iktar minn 10 snin qabel id-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjoni kontenzjuża (għalkemm din hija kundizzjoni li obbligatorjament hija sodisfatta fi kwalunkwe appell attwalment ippreżentat quddiem il-Commissione Tributaria Centrale, peress li ma seta' jiġi ppreżentat ebda appell ġdid mill-1996 'il hawn) u li l-awtorità tat-taxxa tilfet kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fit-tieni waħda. Għalhekk, il-kriterji fid-dispożizzjoni kontenzjuża għall-għeluq awtomatiku tal-proċeduri quddiem il-Commissione Tributaria Centrale huma sodisfatti. Il-kwistjoni li għandha tiġi indirizzata hija jekk dan l-għeluq awtomatiku fuq il-bażi ta' dawk il-kriterji huwiex kompatibbli mad-dritt tal-UE.

27. Il-Kummissjoni rrimarkat li l-qorti tal-ewwel istanza ddedikat biss tmien linji sabiex tagħti l-motivazzjoni tagħha għad-deċiżjoni li hija ħadet favur Belvedere, filwaqt li l-ewwel qorti tal-appell tat il-motivazzjoni tagħha f'erba' linji.

28. Għal darba oħra, din iċ-ċirkustanza tidher irrilevanti għad-domanda magħmula, li tikkonċerna l-kawżi kollha quddiem il-Commissione Tributaria Centrale. Lanqas ma tidher partikolarment sinjifikattiva fi kwalunkwe rigward ieħor, ladarba l-ewwel appell tal-awtorità tat-taxxa stess kien jinkludi biss 12-il linja ta' argument legali (dan ġie estiż għal 24 linja fit-tieni appell tagħha).

## Deskrizzjoni fil-qosor tal-osservazzjonijiet dwar il-mertu

29. Il-Kummissjoni tqis li huwa meħtieġ li wieħed jipproċedi fuq il-bażi tal-interpretazzjoni tal-qorti tar-rinviju tad-dispożizzjoni kontenzjuża fid-domanda preliminari, jiġifieri li din "tipprovdi, essenzjalment, għar-rinunzja totali tal-kreditu ta' VAT inkwistjoni" meta jiġu sodisfatti l-kriterji stipulati fid-dispożizzjoni kkonċernata.

30. Fuq dik il-bażi, hija tirrileva li d-dispożizzjoni kontenzjuża hija rinunzja ġenerali tat-tip li pprojbixxiet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-132/06, u li hija prekluża mid-dritt tal-UE essenzjalment għall-istess raġunijiet bħal dawk stabbiliti f'dik is-sentenza. Hija targumenta li skont id-dispożizzjoni kontenzjuża, kategorija sħiħa ta' krediti fiskali hija prattikament eliminata, mingħajr ebda evalwazzjoni ta' ċirkustanzi individwali. Madankollu, waqt is-seduta l-Kummissjoni ddikjarat li ma nbdiet ebda proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra l-Italja fir-rigward tad-dispożizzjoni kontenzjuża.

31. Il-Gvern Taljan jgħid li, għall-kuntrarju tal-amnestija inkwistjoni fil-Kawża C-132/06, id-dispożizzjoni kontenzjuża hija purament regola proċedurali relatata mal-proċeduri quddiem il-qrati fiskali, li topera 'l isfel mill-eżerċizzju mill-Istat tas-setgħat tiegħu u mit-twettiq tal-obbligi tiegħu fir-rigward tal-verifika u tal-ġbir tas-somom dovuti bħala VAT. Filwaqt li bħala prinċipju l-Qorti tal-Ġustizzja hija marbuta bl-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali mogħtija mill-qorti nazzjonali, f'dan il-każ jeżistu nuqqasijiet fid-deċiżjoni tar-rinviju minħabba li din ma tispjegax għalfejn id-dispożizzjoni kontenzjuża għandha titqies bħala rinunzja ġenerali. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-ispjegazzjoni tal-Gvern Taljan stess.

32. Alternattivament, il-Gvern Taljan jissottometti li, għall-kuntrarju tal-amnestija fil-Kawża C-132/06, id-dispożizzjoni kontenzjuża ma tfixkilx serjament il-funzjonament korrett tas-sistema komuni tal-VAT jew il-prinċipju ta' newtralità fiskali, u lanqas ma tagħti vantaġġ lill-persuni taxxabbli ħatja ta' frodi [15] b'din id-dispożizzjoni. Għall-kuntrarju, hija tapplika biss f'każijiet fejn il-ħtieġa li jiġi osservat

15 — Sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, punti 44, 45 u 47.

ir-rekwiżit ta' żmien raġonevoli fir-rigward tas-soluzzjoni tal-kawżi, stabbilit fil-KEDB u l-għan li jittaffa l-piż ta' sistema ġudizzjarja eċċessivament mgħobbija bi proċeduri pendenti dejjem itwal jipprevalu fuq l-interess pubbliku digressiv li jiġu ttrattati t-talbiet ta' natura fiskali li diġà jkunu nċaħdu fl-ewwel u fit-tieni istanza.

## Kunsiderazzjonijiet

### *Interpretazzjoni tad-dispożizzjoni kontenzjuża*

33. Filwaqt li l-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni kontenzjuża hija kwistjoni li għandha tiġi deċiża mill-qrati nazzjonali, ma naqbilx li l-Qorti tal-Ġustizzja hija marbuta strettament bid-deskrizzjoni ta' din id-dispożizzjoni fid-domanda preliminari, jiġifieri rinunzja totali għall-kreditu tal-VAT inkwistjoni. L-effett tad-dispożizzjoni jista' jiġi aċċertat mill-kliem tagħha. Il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk dan l-effett jistax jitqies bħala "rinunzja ġenerali u mingħajr distinzjoni għall-verifika tat-tranżazzjonijiet taxxabbli" fis-sens tas-sentenza fil-Kawża C-132/06, jew bħala effett simili biżżejjed għal tali rinunzja sabiex jiġi wkoll prekluż mid-dritt tal-UE. Id-domanda ma tassumix li d-dispożizzjoni kontenzjuża tista' titqies b'dan il-mod. Li kieku tagħmel dan, l-interpretazzjoni tal-qorti tar-rinviju stess diġà tkun ipprovdiet ir-risposta.

34. Madankollu, li kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tqis lilha nnifisha marbuta b'din l-interpretazzjoni, hija jkollha tagħti risposta fl-affermattiv għal din id-domanda.

### *Paragun mad-dispożizzjonijiet inkwistjoni fil-Kawża C-132/06*

35. L-effett tad-dispożizzjoni kontenzjuża jidher kunsiderevolment differenti minn dak tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni fil-Kawża C-132/06.

36. Dawn tal-aħħar[16] essenzjalment taw immunità ġenerali minn verifika jew minn investigazzjoni mill-awtoritajiet tat-taxxa fir-rigward tal-ammonti tal-VAT li ma ġewx iddikjarati fil-ħin, inkambju għal ħlas li jvarja minn nofs l-ammont sussegwentement iddikjarat bħala dovut sa ammont fiskali purament simboliku. Bħalma ddikjarat il-Qorti tal-Ġustizzja[17], dawn kellhom l-effett li "il-persuni taxxabbli [li kienu] ħatja ta' frodi [kienu qegħdin] [i]sibu ruħhom avvantaġġati". Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset ukoll li[18], "billi introduċiet miżura ta' amnestija ftit żmien wara l-iskadenza tat-termini li fihom il-persuni taxxabbli kellhom iħallsu l-VAT u billi talbet il-ħlas ta' ammont żgħir ħafna meta mqabbel mat-taxxa effettivament dovuta, il-miżura inkwistjoni tippermetti lill-persuni taxxabbli kkonċernati jaħarbu definittivament mill-obbligi imposti fuqhom fil-qasam tal-VAT meta l-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa setgħu jsibu mill-inqas parti minn dawn il-persuni taxxabbli matul l-erba' snin li ppreċedew id-data tal-preskrizzjoni tat-taxxa normalment dovuta. F'dan is-sens, il-Liġi Nru 289/2002 tmur kontra r-responsabbiltà ta' kull Stat Membru li jiżgura l-ġbir tat-taxxa dovuta."

37. L-istess ma jistax jingħad fir-rigward tad-dispożizzjoni kontenzjuża hawnhekk. Bħalma jaqblu l-Gvern Taljan u l-Kummissjoni, hija tapplika għall-fażi ġudizzjarja u mhux għal dik amministrattiva li għaliha huma responsabbli l-awtoritajiet tat-taxxa. In-natura proċedurali tagħha hija enfasizzata mill-fatt li hija tapplika mhux biss għall-VAT, bħalma kien il-każ tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni fil-Kawża C-132/06, iżda anki għall-appelli relatati ma' kull tip ta' taxxa ppreżentati quddiem il-Commissione Tributaria Centrale. Ma hemm l-ebda immunità minn investigazzjoni jew minn verifika mwettqa mill-awtoritajiet tat-taxxa. Il-każijiet kollha kkonċernati kienu ġew investigati u

16 — Ara s-sommarji li jinsabu fil-punti 8 *et seq* tas-sentenza, u fil-punti 11 *et seq* tal-konklużjonijiet tiegħi, f'din il-kawża.

17 — Sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 47.

18 — *Ibidem*, punt 52.

l-ammonti meqjusa bħala dovuti kienu ntalbu qabel ma ġiet ippromulgata d-dispożizzjoni kontenzjuża. Din id-dispożizzjoni tagħti terminu għall-appell finali tal-awtorità tat-taxxa minn deċiżjoni ġudizzjarja sfavorevoli, iżda ma hijiex speċifikament vantaġġjuża għall-persuni ħatja ta' frodi. Fil-fatt, huwa improbabbli (wieħed jittama partikolarment improbabbli) li tali persuni, għal darbtejn, jirbħu kawża mressqa l-qorti kontra l-awtorità tat-taxxa — mhux biss fl-ewwel istanza iżda anki fl-appell. Fl-aħħar nett, id-dispożizzjoni kontenzjuża daħlet fis-seħħ iktar minn 14-il sena wara l-aħħar data li fiha setgħu jiġu ppreżentati proċeduri finali ta' appell, u mhux "ftit żmien wara l-iskadenza tat-termini li fihom il-persuni taxxabbli kellhom iħallsu l-VAT" [19].

38. Għaldaqstant, ma huwiex possibbli li jiġi rrilevat li d-dispożizzjoni kontenzjuża "tmur kontra r-responsabbiltà ta' kull Stat Membru li jiżgura l-ġbir tat-taxxa dovuta" bħalma kien il-każ tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni fil-Kawża C-132/06.

*L-obbligi tal-Istati Membri*

39. Il-Kummissjoni tenfasizza li l-Istati Membri għandhom l-obbligu li "jadotta[w] [i]l-liġijiet u l-miżuri amministrattivi neċessarji sabiex jiġi żgurat il-ġbir tal-VAT kollu dovut fit-territorju [tagħhom]", "għandhom jiggarantixxu l-osservanza tal-obbligi li għalihom huma suġġetti l-persuni taxxabbli", għandhom "[l]-obbligu li jiġi żgurat il-ġbir effettiv tar-riżorsi tal-Komunità" u "f'dan is-sens li ma jinħolqux differenzi sinjifikattivi fil-mod ta' kif jiġu ttrattati l-persuni taxxabbli" [20].

40. Madankollu, dawn l-obbligi ma jistgħux jiġu estiżi sal-punt li jiżguraw, bħala regola ġenerali, li l-awtoritajiet tat-taxxa jistgħu jkomplu jappellaw minn deċiżjonijiet ġudizzjarji sakemm jiksbu deċiżjoni favorevoli. Lanqas ma jeżisti xi prinċipju fid-dritt tal-UE li jirrikjedi li jkun hemm iktar minn appell wieħed għad-dispożizzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja stess hija eżempju ta' qorti tal-ewwel istanza u tal-aħħar istanza, f'dak li jirrigwarda ċerti tipi ta' proċeduri. F'ċerti sistemi legali oħra, ma hemm ebda dritt assolut ta' appell, filwaqt li l-awtorizzazzjoni sabiex wieħed jappella rarament tingħata lill-parti li tkun tilfet quddiem żewġ qrati suċċessivi. Fi kwalunkwe sistema, għandu jkun hemm punt fejn ma jkunx jista' jiġi ppreżentat appell ulterjuri. Fl-ebda sistema ma hemm garanzija li s-sentenza finali tkun indiskutibbilment korretta fid-dritt.

41. Id-dispożizzjoni kontenzjuża tagħti terminu għall-appell finali tal-awtorità tat-taxxa wara sentenzi sfavorevoli fl-ewwel u fit-tieni istanza. Għaldaqstant, hija tikkonċerna sitwazzjoni li fiha dik l-awtorità tkun ħadet dawk li jistgħu jitqiesu bħala miżuri adegwati sabiex tiżgura l-ġbir tal-VAT li hija tqis li hija dovuta, iżda li fiha kemm qorti tal-ewwel istanza kif ukoll qorti tal-appell jiddeċiedu li l-kreditu tal-VAT fil-fatt ma kienx dovut. Ma nistax naċċetta li tali miżura fiha nnifisha tirrappreżenta nuqqas, min-naħa ta' Stat Membru, li jiżgura l-infurzar xieraq tas-sistema tal-VAT.

42. Matul is-seduta, il-Kummissjoni qablet dwar il-fatt li l-Istati Membri ma għandhom ebda obbligu ġenerali li jiżguraw li l-awtorità tat-taxxa tkun tista' tippreżenta t-tieni appell f'kawżi relatati mal-VAT, iżda ssottomettiet li, meta tali appell huwa normalment disponibbli, ma huwiex permissibbli li kategorija ta' appelli ddefinita b'mod arbitrarju "titqaċċat 'il barra" wara li jkunu ġew ippreżentati iżda qabel ma tittieħed deċiżjoni dwarhom.

43. Fl-opinjoni tiegħi, id-dispożizzjoni kontenzjuża ma tikkonċernax kategorija ta' appelli ddefinita b'mod arbitrarju. Hija tikkonċerna l-appelli kollha quddiem il-Commissione Tributaria Centrale li fihom l-awtorità tat-taxxa tilfet fl-ewwel u t-tieni istanza, u li kollha kemm huma ilhom pendenti għal iktar minn 10 snin (fil-prattika, 14-il sena). L-obbligu tal-Istat Membru, skont l-Artikolu 22 tas-Sitt Direttiva, li jiżgura l-istima korretta u l-ġbir korrett tal-VAT jimplika konformità f'perijodu ħafna

19 — Barra minn hekk, il-każ inkwistjoni jikkonċerna talba għal kreditu li rriżulta (jew li ma rriżultatx) madwar 30 sena ilu.

20 — Sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq (punti 37 sa 39).

iqsar[21]. Jista' jiġi argumentat li, billi ma żguratx li l-kawżi relatati mal-istima tal-VAT kienu deċiżi fi żmien raġonevoli wara li l-VAT kellha tiġi ddeterminata b'mod definittiv minkejja żewġ deċiżjonijiet ġudizzjarji favur l-istess parti, l-Italja kienet qiegħda tonqos milli twettaq dak l-obbligu. Fl-opinjoni tiegħi, ma jistax jiġi argumentat li hija naqset milli twettaq l-obbligu tagħha billi għalqet dawn il-kawżi wara 14-il sena bl-uniku mod li ma kienx jinvolvi inġustizzja fil-konfront tal-parti rebbieħa f'dawk is-sentenzi preċedenti. (Nixtieq nenfasizza li dawn ir-rimarki jikkonċernaw l-istess dispożizzjoni kontenzjuża, u mhux id-dispożizzjoni differenti li tapplika għall-appelli ppreżentati quddiem il-Corte di Cassazione, jew għar-relazzjoni bejn dawn it-tnejn.)

44. Il-Kummissjoni rreferiet għas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Lucchini[22] u, b'mod partikolari, fil-kawża Fallimento Olimpiclub[23]. Iż-żewġ kawżi kienu jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *res judicata* fid-dritt Taljan. Fis-sentenza Lucchini, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-dritt tal-UE kien jipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali maħsuba sabiex tistabbilixxi dan il-prinċipju jekk l-applikazzjoni tagħha kienet tostakola l-irkupru ta' għajnuna mill-Istat meqjusa mill-Kummissjoni, f'deċiżjoni li saret definittiva, bħala inkompatibbli mas-suq komuni. Fil-kawża Fallimento Olimpiclub, li tirreferi għall-kawża Lucchini, hija sostniet li l-applikazzjoni tal-istess dispożizzjoni kienet prekluża f'kawża dwar il-VAT li tirrigwarda sena ta' tassazzjoni li fir-rigward tagħha ebda sentenza ġudizzjarja definittiva għadha ma ngħatat, sa fejn din l-applikazzjoni timpedixxi lill-qorti nazzjonali milli tikkunsidra r-regoli tad-dritt tal-UE dwar prattiki abbużivi fil-qasam tal-VAT. Il-Kummissjoni tipprova tagħmel paragun bejn dawn l-applikazzjonijiet preklużi tal-prinċipju ta' *res judicata* u d-dispożizzjoni kontenzjuża, inkwantu din tal-aħħar tidher li tagħti l-awtorità ta' *res judicata* lis-sentenza tal-ewwel qorti tal-appell, filwaqt li tirtira kwalunkwe kwistjoni relatata mal-kompatibbiltà mad-dritt tal-UE minn (dik li kieku kienet tkun) il-qorti tal-appell tal-aħħar istanza.

45. Jiena ma nqisx li l-paragun huwa validu. Is-sitwazzjoni fil-kawża Lucchini kienet verament partikolari; fiha kienu kkontestati prinċipji li jirregolaw it-tqassim ta' kompetenzi bejn l-Istati Membri u l-Komunità fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, fejn il-Kummissjoni kellha kompetenza esklużiva sabiex teżamina l-kompatibbiltà ta' dispożizzjoni nazzjonali ta' għajnuna mill-Istat mas-suq komuni. Il-kawża Fallimento Olimpiclub, għalkemm kienet kawża iktar simili peress li kienet tikkonċerna l-VAT, kienet iddeċidiet il-kwistjoni speċifika dwar jekk il-prinċipju ta' effettività jippermettix interpretazzjoni tal-prinċipju ta' *res judicata* li abbażi tagħha, fil-kawżi dwar il-VAT, ir-*res judicata* f'kawża partikolari, sakemm tirrigwarda punt fundamentali komuni għal kawżi oħrajn, għandha, fuq dan il-punt, awtorità vinkolanti, anki jekk il-konstatazzjonijiet li jkunu saru f'din il-kawża jirrigwardaw perijodu ta' tassazzjoni differenti. L-ebda waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet, u ebda sitwazzjoni paragunabbli oħra, ma tipprevali f'din il-kawża, li għandha tiġi deċiża fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tagħha.

46. Il-Kummissjoni kompliet tenfasizza li l-VAT tifforma l-bażi ta' waħda mir-"riżorsi proprji" tal-UE, għall-ġbir effettiv li għalih huma responsabbli l-Istati Membri[24].

47. Naturalment, dan huwa minnu. Ir-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT huma stabbiliti għal 0.3 % ta' bażi ta' stima tal-VAT armonizzata għal kull Stat Membru[25]. Billi l-bażi armonizzata teoretika hija fil-fatt ikkalkolata b'lura mill-ammonti realment miġbura[26], il-ġbir effettiv mill-Istati Membri jaffettwa d-dħul baġitarju tal-UE.

21 — L-Artikolu 22(4) u (5) tas-Sitt Direttiva jipprevedi l-obbligu għall-persuni taxxabbli li jissottomettu dikjarazzjoni fi żmien xahrejn mit-tmiem ta' kull perijodu ta' taxxa, liema perijodu ma jistax jeċċedi sena, u li jħallsu l-ammont nett tal-VAT meta jissottomettu d-dikjarazzjoni.

22 — Sentenza tat-18 ta' Lulju 2007 (C-119/05, Ġabra. p. I-6199).

23 — Sentenza tat-3 ta' Settembru 2009 (C-2/08, Ġabra. p. I-7501).

24 — Ara t-tieni u l-erbatax-il premessa tal-preambolu tas-Sitt Direttiva, u s-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 39.

25 — Ara l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom, tas-7 ta' Ġunju 2007, dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU 2007 L 163, p. 17).

26 — Ara European Union public finance, ir-Raba' Edizzjoni, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2008, p. 239.

48. Madankollu, l-obbligu tal-ġbir effettiv ma jistax ikun assolut. L-ispejjeż tal-ġbir u l-probabbiltà li dan il-ġbir effettivament isir għandhom jiġu kkunsidrati fl-isfond tad-dħul potenzjali. Fir-rigward tad-dispożizzjoni kontenzjuża, mhux biss ikun hemm spejjeż għall-awtorità tat-taxxa sabiex tkompli l-proċeduri iżda anki għall-Istat sabiex iżomm il-Commissione Tributaria Centrale eżistenti għal perijodu, prevedibbilment, twil ħafna. Il-probabbiltà tal-ġbir hija affettwata mhux biss mill-fatt li żewġ sentenzi ġudizzjarji kienu sfavorevoli għall-awtorità tat-taxxa iżda anki sempliċiment mill-fatt li għadda ż-żmien, u b'hekk jista' jagħti l-każ li hemm xi ammonti li ma jistgħux jiġu rkuprati anki fil-każ ta' sentenza favorevoli sussegwenti. Barra minn hekk, l-obbligu tal-ġbir għandu jiġi kkunsidrat fid-dawl tal-obbligu li l-persuna taxxabbli tkun tista' tagħlaq il-kontijiet tagħha fi żmien raġonevoli meta jintemm kull perijodu tal-VAT. Meta jkun hemm kawża li tkun ilha pendenti għal perijodu kunsiderevoli, inevitabbilment jasal punt fejn dawn il-kunsiderazzjonijiet għandhom jipprevalu fuq l-obbligu li jiġu ttrattati il-krediti tal-VAT kollha. Ma jidhirx li l-kriterji stabbiliti fid-dispożizzjoni kontenzjuża ma humiex raġonevoli f'dan il-kuntest.

*Paragun mal-Artikolu 16 tal-Liġi Nru 289/2002*

49. Il-Kummissjoni tirreferi għall-ġurisprudenza tal-Corte di Cassazione dwar l-Artikolu 16 tal-Liġi Nru 289/2002, li l-Artikoli 8 u 9 tagħha kienu s-suġġett tar-rikors tal-Kummissjoni fil-Kawża C-132/06 u li fir-rigward tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kienu inkompatibbli mad-dritt tal-UE. L-Artikolu 16 jippermetti li kwalunkwe proċeduri li l-kontribwenti jkollhom pendenti quddiem qorti fiskali jingħalqu malli jsir ħlas ta' 10 % tal-ammont inkwistjoni, jew ta' EUR 150 jekk l-ammont inkwistjoni jkun inqas minn EUR 2 000. Il-Corte di Cassazione kkonstatat li f'dak l-artikolu hemm l-istess inkompatibbiltà li hemm fl-Artikoli 8 u 9 tal-Liġi Nru 289/2002. Il-Kummissjoni ssostni li din il-konstatazzjoni hija rilevanti għall-evalwazzjoni tad-dispożizzjoni kontenzjuża li, hija tqis, hija "prattikament identika".

50. Il-kompatibbiltà tal-Artikolu 16 tal-Liġi Nru 289/2002 mad-dritt tal-UE ma hijiex ikkontestata f'dawn il-proċeduri, u ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tesprimi l-opinjoni tagħha hawnhekk. Madankollu, ninnota li din id-dispożizzjoni tippreżenta tal-inqas differenza sinjifikattiva waħda fir-rigward tad-dispożizzjoni kontenzjuża, inkwantu tapplika għall-proċeduri pendenti kollha quddiem il-qrati fiskali kollha, indipendentement minn kemm ilhom. Għaldaqstant, din tidher li tikkostitwixxi "rinunzja ġenerali" ħafna iktar mid-dispożizzjoni kontenzjuża, li tapplika biss għall-proċeduri tat-tielet istanza meta l-proċeduri komplessivament ikunu ilhom pendenti għal iktar minn 10 snin (fil-prattika, 14-il sena). Għaldaqstant, ma naħsibx li hemm xi ġurisprudenza nazzjonali li tikkonċerna l-Artikolu 16 tal-Liġi Nru 289/2002 li tista' titqies rilevanti għall-finijiet ta' din il-kawża.

*Paragun mar-riżoluzzjoni tat-tilwim skont il-każ individwali*

51. Il-Kummissjoni tenfasizza li d-dispożizzjoni kontenzjuża tinvolvi l-għeluq tal-kawżi kollha kkonċernati, mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni bl-ebda mod il-probabbiltà li sentenza tinqata' favur l-awtorità tat-taxxa. Hija tikkuntrastaha mad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-liġi Taljana li jippermettu r-riżoluzzjoni ġudizzjarja ta' tilwim bejn l-awtorità tat-taxxa u l-persuna taxxabbli fuq il-bażi ta' evalwazzjoni individwali tat-tilwima mill-awtorità, u/jew fuq il-bażi tal-ħlas, mill-persuna taxxabbli, ta' proporzjon tal-ammont mitlub. Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, id-dispożizzjoni kontenzjuża tirrappreżenta rinunzja ġenerali fis-sens tas-sentenza fil-Kawża C-132/06 iktar milli riżoluzzjoni skont il-każ, li jidher li hija tqis bħala aċċettabbli.

52. Jien mhux konvinta b'din l-osservazzjoni.

53. Bla ebda dubju, parti li tkun tilfet kawża fl-ewwel istanza u fl-appell tista' tirbaħ fit-tieni appell. Barra minn hekk, tali parti normalment tevalwa, bejn wieħed u ieħor b'ċerta eżattezza, l-interessi u l-probabbiltà tagħha li tirbaħ il-kawża qabel ma tippreżenta t-tieni appell. Jista' jkun li entità pubblika bħal awtorità tat-taxxa tkun tixtieq, għal raġunijiet iktar ġenerali ta' ċertezza legali, tikseb sentenza ta' appell finali fl-interess pubbliku.

54. Minn naħa, id-dispożizzjoni kontenzjuża tidher fil-fatt li tissostitwixxi l-evalwazzjoni tal-awtorità tat-taxxa tal-interess tagħha li tkompli għaddejja bil-kawża b'approssimazzjoni kważi statistika tal-probabbiltà li s-sentenza tinbidel fl-appell. F'każ li dik il-probabbiltà tkun żgħira, bħalma jidher li huwa kkontemplat fid-dispożizzjoni kontenzjuża, l-assenza ta' sentenza ta' appell finali, għalkemm ma hijiex ideali, jidher li hija inqas problematika.

55. Min-naħa l-oħra, riżoluzzjoni nnegozjata skont il-każ, li permezz tagħha l-awtorità tat-taxxa tirrinunzja għall-ammont kollu tal-kreditu li hija tqis dovut lilha inkambju għall-ħlas ta' parti minn dik is-somma, ma tidhirx li hija approċċ iktar onest. Hija tirriżulta, obbligatorjament, f'iktar jew inqas taxxa miġbura minn dik li għandha tinġabar abbażi ta' interpretazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni rilevanti, filwaqt li xorta tiġi rrinunzjata kwalunkwe possibbiltà li tingħata sentenza dwar dik l-interpretazzjoni mill-qorti tal-appell finali.

56. Iż-żewġ għażliet assolutament ma humiex ideali f'termini ta' ġbir tat-taxxa kollha dovuta, iżda l-ebda waħda minnhom ma jidher li hija inaċċettabbli jew paragunabbli ma' rinunzja ġenerali fis-sens tas-sentenza fil-Kawża C-132/06.

*Ġustifikazzjoni fuq il-bażi tal-KEDB*

57. Għall-kuntrarju, il-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżit ta' "żmien raġonevoli" fl-Artikolu 6(1) tal-KEDB [27] (u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, li japplika għall-Istati Membri meta jkunu qegħdin jimplementaw id-dritt tal-UE) tidher fil-fatt li hija ġustifikazzjoni ċara u partikolarment tajba għal regola bħal dik fid-dispożizzjoni kontenzjuża. Fir-rigward tal-prinċipju ta' ċertezza legali, 10 snin jidhru perijodu partikolarment twil sabiex il-proċeduri ġudizzjarji jibqgħu pendenti, sakemm dan ma jkunx iġġustifikat miċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-kawża [28]. Id-dispożizzjoni kontenzjuża tapplika biss, fil-prattika, għall-proċeduri li f'April 2010 kienu ilhom pendenti fit-tielet istanza għal 10 snin jew iktar (fil-prattika, 14-il sena), u li għalhekk, it-tul kumplessiv tagħhom kien kunsiderevolment itwal. Filwaqt li s-sempliċi fatt li tali dewmien evidentement huwa problema serja li għandha tiġi indirizzata mill-Istat Membru [29], ma naħsibx li l-obbligu legali tal-UE li jiġi żgurat il-ġbir effettiv tal-VAT jista' jitlob li tinżamm għal iktar minn 10 jew 14-il sena sitwazzjoni ta' inċertezza legali fir-rigward ta' ammont ikkontestat ta' taxxa li fir-rigward tiegħu l-persuna taxxabbli diġà jkunu nqatgħulha żewġ sentenzi favorevoli.

58. Għaldaqstant, fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet kollha msemmija iktar 'il fuq, jiena tal-fehma li d-dispożizzjoni kontenzjuża f'din il-kawża ma hijiex paragunabbli ma' dawk inkwistjoni fil-Kawża C-132/06 u ma tirrappreżentax nuqqas, min-naħa tal-Italja, milli tiżgura l-applikazzjoni xierqa tas-sistema tal-VAT.

27 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kemm-il darba ddeċidiet li proċeduri li damu inqas minn għaxar snin fl-Italja kienu jiksru l-Artikolu 6(1) tal-KEDB (ara, pereżempju, il-Qorti Ewropea D.B., sentenzi Sciortino vs L-Italja tat-18 ta' Otturbru 2001, Nru 30127/96, punti 19 *et seq*, u Sciortino vs L-Italja (Nru 1) tad-29 ta' Marzu 2006, Nru 36813/97, [GC], QEDB 2006-V, punti 175*et seq*).

28 — Fil-kuntest tal-proċeduri quddiem il-qrati tal-UE, ara, pereżempju, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Lulju 2009, Der Grüne Punkt - Duales System Deutschland vs Il-Kummissjoni (C-385/07 P, Ġabra. p. I-6155, punti 181 *et seq*).

29 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 9 ta' dawn il-konklużjonijiet.

*Il-prinċipju ta' newtralità fiskali*

59. Madankollu, hemm aspett tad-dispożizzjoni kontenzjuża li jidher li huwa diskutibbli fid-dawl, *inter alia*, tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-132/06, b'rabta mal-prinċipju ta' "newtralità fiskali", jiġifieri l-obbligu "li ma jinħolqux differenzi sinjifikattivi fil-mod ta' kif jiġu ttrattati l-persuni taxxabbli, kemm fi ħdan wieħed mill-Istati Membri partikolari kif ukoll fl-Istati Membri kollha" [30].

60. Il-Kummissjoni tqajjem dan l-aspett billi tistaqsi għalfejn, jekk l-għan tal-Artikolu 3(2a) tad-Digriet-Liġi kkonvertit kien verament li jnaqqas ix-xogħol b'lura relatat mal-kawżi quddiem il-Commissione Tributaria Centrale u l-Corte di Cassazione, huwa kien japplika biss għall-proċeduri li kienu ilhom pendenti għal iktar minn 10 snin f'data partikolari, minflok għall-proċeduri kollha, dakinhar li jkun skada l-perijodu stabbilit ta' 10 snin.

61. Dik id-domanda ma jidhirlix li hija opportuna fil-kuntest ta' din il-kawża li, tajjeb niftakru, tikkonċerna biss il-kawżi quddiem il-Commissione Tributaria Centrale. Meta d-dispożizzjoni kontenzjuża daħlet fis-seħħ, l-appelli kollha ppreżentati quddiem dik il-qorti kienu ilhom pendenti għal iktar minn 10 snin, u ma seta' jiġi ppreżentat ebda appell ieħor quddiemha.

62. Minkejja dan, l-Artikolu 3(2a) fl-intier tiegħu fil-fatt joħloq differenza fit-trattament tal-appelli finali fil-proċeduri tal-VAT, u din essenzjalment tiddependi mid-data li fiha dawn l-appelli jkunu ġew ippreżentati iktar milli mit-tul ta' żmien li jkunu ilhom pendenti [31]. Filwaqt li l-kriterju ta' 10 snin jista' jitqies bħala karatteristika ta' distinzjoni oġġettiva (għalkemm arbitrarja, bħal kwalunkwe limitu ta' żmien ieħor) meta jiġi kkunsidrat fid-dawl tar-rekwiżit ta' "żmien raġonevoli" fl-Artikolu 6(1) tal-KEDB u fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ma jidhirx li huwa aċċettabbli li dak il-kriterju jkollu effetti li jvarjaw sempliċement minħabba d-data li fiha jkun ġie ppreżentat l-appell finali.

63. Madankollu, ma nqisx li din hija bażi suffiċjenti sabiex id-dispożizzjoni kontenzjuża titqies inkompatibbli, fiha nnifisha, mal-obbligu tal-Italja li tiżgura l-ġbir effettiv tal-VAT u l-konformità effettiva tal-persuni taxxabbli mal-obbligi tagħhom taħt is-sistema tal-VAT. Dak li jista' jkun meħtieġ huwa t-trattament uniformi tas-sitwazzjonijiet kollha koperti mill-Artikolu 3(2a) tad-Digriet-Liġi kkonvertit, għall-inqas sa fejn dawn ikunu jikkonċernaw il-VAT. Li kieku l-appelli pendenti quddiem il-Corte di Cassazione kellhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħal dawk quddiem il-Commissione Tributaria Centrale, kull meta t-tul tal-proċeduri jkun laħaq il-limitu ta' 10 snin, tali diffikultà tkun tista' tiġi eliminata. Dan jista' jiġri wkoll li kieku t-trattament li attwalment jintuża għall-appelli quddiem il-Corte di Cassazione kellu jiġi estiż għal dawk quddiem il-Commissione Tributaria Centrale. Madankollu, ma naħsibx li huwa l-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tesprimi l-fehma tagħha dwar dawn iż-żewġ approċċi, jew kwalunkwe approċċ ieħor, fil-kuntest ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari. Tali kunsiderazzjonijiet ma humiex rilevanti għall-kwistjoni dwar jekk miżura bħad-dispożizzjoni kontenzjuża hijiex prekluża, meta titqies waħedha, permezz ta' interpretazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

30 — Sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 39.

31 — Fil-fatt, id-distinzjoni hija tripla: l-appelli quddiem il-Commissione Tributaria Centrale huma ttrattati b'mod differenti minn dawk ippreżentati quddiem il-Corte di Cassazione, u l-appelli quddiem din tal-aħħar huma ttrattati b'mod differenti skont jekk il-proċeduri ġewx mibdija, fl-ewwel istanza, qabel jew wara s-26 ta' Mejju 2000.

## Konklużjoni

64. Għar-raġunijiet kollha esposti hawn fuq, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi d-domandi preliminari magħmula mill-Commissione Tributaria Centrale, sezione di Bologna, bil-mod li ġej:

"L-Artikolu 4(3) TUE (li kien l-Artikolu 10 KE), u l-Artikoli 2 u 22 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, ma jipprekludux dispożizzjoni nazzjonali li skontha, f'kawżi relatati mat-taxxa fuq il-valur miżjud bejn persuna taxxabbli u l-awtorità tat-taxxa, meta jkunu għaddew 10 snin minn meta l-proċeduri jkunu ġew ippreżentati fl-ewwel istanza, it-tieni appell mill-awtorità tat-taxxa wara sentenzi li jkunu nqatgħu kontriha kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fl-ewwel appell jingħalaq awtomatikament mingħajr deċiżjoni fuq il-mertu mit-tieni qorti tal-appell."